MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 230/2007

**Maltacom PLc u b'digriet ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2007 l-isem gie mibdul ghal Go Plc 22334**

**vs**

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' . erba' mija u erba' u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin Ewrocentezmi
(€ 484.21) ekwivalenti ghal LM207.87 rapprezentanti hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici f'Bizbizija, limiti tal-Mosta, f'April, 2005 ( GT3/200/16.)

Illi interpellati diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, is-socjeta' kovenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici, permezz ta’ din l-istanza titlob lil dan it-tribunal sabiex:

1) jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli tal-hsarat ikkawzati;

2) tikkundannaha thallas l-ammont kif mitlub, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Marzu, 2006 bir-riferenza 1650/06 u l-imghaxijiet dekorrendo mill-1 ta’ Dicembru, 2005.

Dokumenti relattivi mehmuza.

Ra r-risposta ssollevata mis-socjeta’ konvenuta fejn eccepixxiet illi preliminarjament hija m’hijiex il-legittimu kuntradittur stante lli ma kkagunat l-ebda hsara fl-infrastrruttura tas-socjeta’ attrici f’Bizbizija limiti tal-Mosta; illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet ix-xoghol li wettqet is-socjeta’ konvenuta wettqitu skond is-sengha u l-arti u minn persuni tas-sengha; illi dejjem minghjr pregudizzju ghas-sueccepiet it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li s-socjeta’ eccipjenti mhix responsabbli ghall-ebda danni sofferta mis-socjeta’ attrci.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Ligi.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 455 Emmanuel Sammut, Victor Busuttil, Joe Chircop, Vince Camilleri.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-socjeta’ attrici.

It-Tribunal jinnota lli fi tmien seduti li nzammu qat ma deher hadd min-naha tas-socjeta’ konvenuta.

IKKUNSIDRA

Mill-provi migbura jirizulta lli s-socjeta ‘ attrici subiet hsarat fl-infrastruttura taghha waqt xoghlijiet f’Bizbizija limiti tal-Mosta f’April, 2005 allegatament ikkagunati mis-socjeta’

konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta cahdet ir-responsabbilita’ ghal dawn il-hsarat.

Skond rapport maghmul l-Ghassa Distrett 9, l-incident sehh fis-7 ta’ April, 2005, ghal habta tan-12.30p.m meta irrizulta hsara fil-*cable* appartenenti s-socjeta ‘ attrici waqt xoghlijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta. Illi mix-xhieda jidher illi l-uniku kuntrattur li kien qieghed jahdem fuq il-post kienet is-socjeta’ Ergon Contracting and Engineering li kien qed tidher ghalihom l-istess socjeta’ konvenuta. Illi d-dokuemnti prezentati fl-Atti jirrizultaw illi Polidano Brothers Limited kien qieghed jagixxi ghal Ergon Contractual Engineering. Illi l-applikazzjoni tal-permess giet maghmula minn Ergon Contractual engineering ghan-noma ta’ Polidano Brothers Limited.

Illi ghalkemm s-socjeta’ konvenuta eccepixxiet illi m’hijiex il-legittimu kuntradittur id-dokumenti prezentati fl-atti tal-kawza juru lli s-socjeta’ konvenuta kienet qed tidher ghal socjeta’ terza.

Is-socjeta’ konvenuta nghatat diversi opportunitajiet sabiex tipprezenta l-kaz taghha u sabiex tipporova l-eccezzjonijiet maghmula minnha. Illi a prova kontraja l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta’ konvenuta ma gietx ippruvata.

Illi mill-provi prodotti mis-Socjeta attrici jidher illi l-incident sehh waqt xoghlijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta u li ma kien hemm l-ebda kuntrattur iehor jahdem fl-istess inhawi.

Illi t-Tribunal huwa konvint lli mill-atti jirrizulta lli s-Socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha u li s-Socjeta konvenuta naqset milli tidher ghas-seduti u tipprezenta l-provi taghha.

Illi ghaldaqstant t-Tribunal huwa konvint li mill-provi migjuba s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha u ghaldaqstant it-talba ta’ l-istess socjeta timmerita akkoljiment.

Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz tagha.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------